A.L. 436 ta' l-2004

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 19 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tmien Skeda qegħda hawnhekk f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Ir-regolament 2 għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

Jemenda l-partita 3 ta' l-Iskeda.

2. Fil-paragrafu (d) tal-partita 3 ta' l-Iskeda, minflok il-kliem "1704.90.95" għandhom jidħlu l-kliem "1704.90.55".

Iżid il-partita 7 ġdida.

3. Minnufih wara l-partita 6 ta' l-Iskeda għandha tiżdied din il-partita 7 ġdida li ġejja:–

"7. Opri ta' l-arti, oġġetti ta' kollezzjoni u antikitajiet kif imfissra fil-paragrafi 1, 2 u 3 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att.".	5%